# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Gunju 2002**

**Numru 8**

**Citaz. Nru 264/87DS**

Anthony Galea, Joseph Muscat u Carmen Muscat

vs

George Axisa bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Doreen Axisa, Joseph Axisa, John Axisa u Rita Axisa

Illum, 11 ta' Gunju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Marzu 1987 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi fid-19 ta' Settembru 1983 miet Joseph Galea (Dok A) minghajr testment (Dok. B, C, D) u l-assi ereditarji tieghu gew debitament denunzjati (Dok. E);

Illi fid-19 ta' Mejju 1986 mietet mart l-imsemmi Joseph Galea, jigifieri Ursula Galea (Dok. F) ukoll minghajr testment (Dok. G, H, I), u l-assi ereditarji taghha gew debitament denunzjati (Dok J);

Illi ghalhekk skond il-ligi, il-wirt tal-konjugi Galea fuq imsemmi ghandu jinqasam inkwantu ghal terz favur binhom Anthony Galea, inkwantu ghal sest favur it-tfal ta' binthom, mejta Concetta mart Louis Muscat, li mietet fit-30 ta' April, 1985 (Dok. K) cioe' Joseph u Carmen ahwa Muscat u terz indiviz favur it-tfal ta' binthom l-ohra, Grace mart George Axisa li mietet fit-13 ta' Dicembru 1975 u cioe' l-konvenuti Joseph, John, Rita u Doreen ahwa Axisa;
Billi l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw li jaqsmu bonarjament skond il-ligi, l-assi ereditarji ta' Joseph u Ursula konjugi Galea, u l-atturi ma jixtiequx illi jkomplu f'kommunjoni mal-konvenuti fl-istess propjeta';

talbu lil din il-Qorti:

1. tordna l-likwidazzjoni tant tal-beni formanti l-komunjoni tal-akkwisti ga esistenti bejn Joseph u Ursula konjugi Galea, kif ukoll dawk tal-beni formanti l-assijiet partikolar taghhom billi jigu dikjarati li jikkonsistu f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. tordna li dawn il-beni appartenenti lill-imsemmija Joseph u Ursula konjugi Galea, illum posseduti "pro indiviso" bejn il-kontendenti, jigu divizi f'porzjonijiet in kwantu ghal terz favur l-attur Anthony Galea, porzjon ta' parti wahda minn sitta (1/6) kull wiehed favur l-atturi l-ohra Joseph u Carmen Muscat, u porzjoni ta' parti wahda minn tnax (1/12) kull wiehed favur il-konvenuti Joseph, John, Rita u Doreen Axisa, liema porzjonijiet jigu assenjati bix-xorti jew altrimenti wahda kull wiehed lis-seba' kontendenti bhala eredi;
3. tordna ghall-finijiet premessi n-nomina ta' perit ghall-fini ta' likwidazzjoni u divizjoni fuq imsemmija u Nutar biex jircievi l-atti relattivi u kuraturi biex jirrapresentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

Illi huma ma jopponux ruhhom ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-assijiet indikati fic-citazzjoni salv l-accertament tal-konsistenza ta' l-istess assijiet u wara li jsiru l-konferimenti dovuti mill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Ottubru 1987 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Micallef Trigona bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-16 ta' Ottubru 1991 fejn, fuq talba tal-perit legali, gie nominat l-A.I.C. M'Angelo Refalo sabiex jassisti lill-perit legali u jaghmel stima ta' l-immobbli mertu tad-divizjoni;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Frar 1996 fejn, in sostituzzjoni ta' l-imsemmi perit legali li gie elevat ghall-Magistratura, gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali debitament mahlufa fis-26 ta' Mejju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Preliminari – l-ishma tal-kontendenti**

1. Din il-kawza tirrigwarda l-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-ereditajiet ta' Joseph Galea li miet fid-19 ta' Settembru 1983 u martu Ursola Galea li mietet fid-19 ta' Mejju 1986. Huma kellhom tlett itfal: Anthony (l-attur), Concetta mart Louis Muscat li mietet fit-30 ta' April 1985 u Grace mart George Axisa li mietet fit-13 ta' Dicembru 1975. Concetta kellha zewgt itfal, l-atturi Joseph u Carmen Muscat, filwaqt li Grace kellha erbat itfal, il-konvenuti Joseph, John, Rita u Doreen, ahwa Axisa.

2. Mir-ricerki li saru dwar testmenti pubblici u sigrieti jirrizulta li hadd mill-konjugi Joseph u Ursola Galea ma kien ghamel testment. Ghalhekk il-wirt taghhom issa ddevolva kwantu ghal terz lill-attur Anthony Galea, kwantu ghal sest kull wiehed lill-atturi Joseph u Carmen, ahwa Muscat, u

kwantu ghal dodicezima parti kull wiehed u wahda mill-konvenuti Joseph, John, Rita u Doreen, ahwa Axisa.

**Likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti**

3. Mid-denunzji ta' l-imsemmijin Joseph u Ursola, konjugi Galea, ma jirrizultawx beni parafernali u hadd mill-partijiet ma allega li kien hemm xi beni parafernali. Il-beni li kellhom l-imsemmijin konjugi kienu kollha tal-komunjoni ta' l-akkwisti u b'hekk il-Qorti se tghaddi ghal-likwidazzjoni taghhom:

*Beni Mobili*

4. Fid-denunzja ta' Joseph Galea jissemmew is-segwenti:

- Lm1000 depozitati fil-Malta Government Savings Bank
- Lm1600 depozitati mal-Mid-Med Bank, fergha Zejtun
- Lm50 valur ta' oggetti ta' l-ghamara
- Lm12 flus id-dar.

Sehem id-*decuius* huwa n-nofs, cioe` Lm1331. Kontra dan hemm l-ispejjez tal-funeral fl-ammont ta' Lm149 li l-attur Anthony Galea jipprezumi li thallsu minn ommu Ursola Galea.

5. Fid-denunzja ta' Ursola Galea jissemmew is-segwenti:

- Lm1000 depozitati mal-Mid-Med Bank, fergha Valletta, f'isem 'Joseph Galea deceased'
- Lm118 imghax fuq l-istess kont
- Lm1600 depozitati mal-Mid-Med Bank, fergha Zejtun
- Lm215 imghax komplessiv fuq din is-somma
- Lm50 valur ta' oggetti ta' ghamara (saret riferenza ghall-istima annessa mad-denunzja ta' Joseph Galea).

Sehem id-*decuius* huwa ghalhekk ta' nofs, cioe` Lm1491.50. Kontra dan hemm l-ispejjez tal-funeral ammontanti ghal Lm162 li l-attur Anthony Galea qal li hallas mid-depoziti bankarji.

6. Mis-suespost jidher li l-kapital depozitat mal-Mid-Med Bank, fergha Zejtun, baqa' l-istess, salv kumulu ta' imghaxijiet, filwaqt li l-kapital li kien depozitat mal-Malta Government Savings Bank jidher li gie trasferit mal-Mid-Med Bank, Valletta meta ghalaq l-MGSB. Il-flus depozitati ma

l-illum HSBC Malta plc ghandhom ghalhekk jigu divizi bejn il-kontendenti skond l-ishma diga` stabiliti (fuq a para. 2).

7. Dwar flus kontanti, fid-denunzja ta' Ursola Galea m'hemm denunzjat xejn. Kif tajjeb qal il-perit legali, ma gie pruvat b'ebda mod konkret li kien xort'ohra jew li xi hadd mill-kondividendi jrid jikkonferixxi xi haga fil-massa ereditarja.

8. Inoltre f'dar-rigward il-perit legali ghamel dawn l-osservazjonijiet f'paragrafu 37 tar-relazzjoni tieghu:

(1) Meta l-attur Anthony Galea jghid li fl-okkazjoni li xtara minghand missieru l-ghalqa bid-Dok. AG bil-prezz ta' Lm500 dana wara rrestitwihomlu, dan seta' kien att ta' liberalita` da parti tal-missier. Wara kollox kulhadd aktarx ikollu r-ragunijiet tieghu.

(2) John Axisa, iben Grace u George Axisa xehed li wara li miet nannuh Joseph Galea 'kien gie Anthony Galea u qal lili, lil missieri u ohti Rita illi Cetta Muscat minn gol-kexxun kienet hadet Lm2000'. Issa dan Anthony Galea ma xehdux u ma gie mistoqsi xejn dwarhom u George Axisa stess (missier John) ma jghid xejn dwarhom.

(3) Cettina Muscat mietet fit-30 ta' April 1985, aktar minn sittax-il sena ilu u f'din il-kawza qed jidhru z-zewg uliedha bhala atturi. Ma jirrizulta minn imkien li qatt issemmew dawn l-Lm2000 hlief fix-xhieda ta' John Axisa moghtija fis-seduta peritali tat-12 ta' Frar 1988.

9. Dwar l-ghamara ma jirrizulta li ssema xejn matul il-gbir tal-provi. Skond l-istima annessa mad-denunzji tal-konjugi Galea, din tikkonsisti fi tliet sodod, gwardarobba, gradenza u zewg siggijiet. Dawn il-bcejjec ta' l-ghamara mhumiex divizibbli u ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet.

*Beni Immobili*

10. Issemmew zewg proprjetajiet, l-ghalqa "Ta' Rumi" fl-inhawi tar-Ramla ta' San Tumas fil-limiti taz-Zejtun, u l-fond 48 Villa Cagliares Street Zejtun.

11. L-ghalqa ma giet denunzjata fl-ebda denunzja u l-kondividendi akkwijexxew ghal dan. Barra minn hekk huwa determinanti l-kuntratt Dok. AG tas-16 ta' Awissu 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza mnejn jirrizulta li din l-ghalqa nbieghet lill-attur Anthony Galea. Fuq dan l-att dehru l-konjugi Galea (missier u omm l-attur Anthony) fejn Joseph Galea deher ukoll bhala interpreti ta' martu Ursola, kif ukoll binthom Cettina Muscat li dehret bhala

ko-interpreti, it-tnejn nominati b'digriet tas-Sekond'Awla. Kif korrettement osserva l-perit legali, sallum hadd ma mpunja dan l-att u ghalhekk l-ghalqa trid titqies bhala indiskutibilment ta' proprjeta` ta' Anthony Galea.

12. Dwar il-fond 48 Villa Cagliares Street, Zejtun qamu zewg diffikultajiet, u cioe` jekk George Axisa u uliedu li ghadhom ighixu mieghu ghandhomx xi titolu biex jibqghu f'dan il-fond u jekk hemmx xi benefikati x'jithallsu. F'dar-rigward il-perit legali jghid hekk:

"43. Titolu fuq proprjeta` immobili hi haga serja li trid tigi pruvata minn min jallegaha. Irrizulta li l-fond *de quo* qabel kien ghand il-konjugi Galea b'kera ta' Lm8 p.a. Wara xtrawh u gie impost fuqu cens.

44. Meta Grace Galea zzewget lil George Axisa fit-12 ta' Lulju 1952, baqghet toqghod fid-dar t'ommha u missierha. George Axisa xehed testwalment:-

> 'Il-post mhux mikri ghandi u qieghed nghid hekk ghaliex m'ghandix ktieb tal-kera pero` jiena dejjem hallast kera. Insistejt ghal ricevuta minghand Guzeppi Galea; dan qatt ma tahieli u baqa' ma ghamililix.'

> ‘Il-kera nghid li hallastu sa ma miet Guzeppi u wara li miet martu qatt ma riedet flus.’

45. Minn hemm johrog car li George Axisa, martu u wliedu qatt m’akkwistaw it-titolu ta’ kera u meta jixhed il-post mhux mikri ghandi hu ma jistax ikun iktar car u inekwivoku minn hekk:

Minkejja li George Axisa zied ighid li hu

(1) meta kien haj Joseph Galea lil dan tah il-kera,
(2) Ursola Galea meta miet zewgha ma riditx kera, u
(3) Joseph Galea qatt ma ried itieh ricevuta tal-kera,

il-fatt jibqa’ li l-konvenuti ma ppruvawx li huma kienu inkwilini tal-fond f’Villa Cagliares Street, Zejtun, jew xi kumditajiet fih.

46. Nigu ghall-benefikati li semma’ u elenka (ara para 23 supra). George Axisa xehed hekk:-

> ‘Il-genituri ta’ marti kienu jgjiduli: ahna ghandna l-kumditajiet kollh li rridu, dawk il-kumditajiet kollha li hemm bzonn ghamilhom int.’

Din l-istqarrija hi cara hafna. Hi bhal patt li bis-sahha tieghu:-

i) il-konjugi Axisa nghataw il-permess li fl-interess taghhom, itejbu l-kumditajiet minnhom okkupati,

ii) dan it-titjib isir a spejjez tal-konjugi Axisa stess,

iii) insibu f'dan kollu kliem car li l-konjugi Axisa ma kienu qed jirriservaw (u ma kien qed jigi konoxxut lilhom) ebda dritt ta' hlas futur, anqas taht is-sura ta' xi debitu fuq jew piz fuq eredita` futura.

iv) Bhala fatt, f'hajjet il-konjugi Galea, il-konjugi Axisa qatt ma talbu xejn lill-konjugi Galea dwar il-benefikati.

47. Minn dan kollu jitnissel li l-konvenuti m'ghandhomx dritt jithallsu tal-benefikati.

48. Osservazzjoni f'lokha hi li l-konvenuti qed jidhru f'din il-kawza ghal sehem ommhom il-mejta Grace Axisa li jirrapprezentaw 50% ta' l-interess fil-benefikati. Il-hamsin fil-mija l-ohra huma tal-missier, George Axisa, li mhux fil-kawza (**zieda:** *de proprio*). Dana qed jinghad ghall-kompletezza u bla ma jitnaqqas xejn minn dak li ntqal fiz-zewg paragrafi precedenti.

49. Allura l-fond taz-Zejtun hu ta' l-eredita`. Stante l-proporzjonijiet li fihom hu possedut u meta tqis il-pjanta (mhux skalata) li l-A.I.C. Michelangelo

Refalo ghamel mal-verbal tal-access zgur li trid issir il-licitazzjoni tal-fond u r-rikavat jinqasam fil-proporzjonijiet mitluba fic-citazzjoni."

13. Il-Qorti hi tal-fehma li l-perit legali ghamel apprezzament tajjeb tal-provi mressqa f'dar-rigward, tikkondividi s-sottomissjonijiet u konkluzjonijiet tieghu u m'ghandha xejn aktar x'izzid maghhom, salv li tosserva li ghalkemm fic-citazzjoni ma saritx talba ghal-licitazzjoni, huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna li *"il-licitazzjoni in sostanza mhijiex hlief 'modus divisionis', u l-azzjoni ta' divizjoni tikkomprendi virtwalment id-domanda ghall-bejgh b'licitazzjoni – dak li jfisser illi, jekk id-divizjoni tal-haga ma tkunx tista' ssir komodament, il-bejgh b'licitazzjoni jigi ordnat bhala konsegwenza necessarja ta' l-azzjoni tad-divizjoni"* (**Angelo Mifsud vs Anna Mifsud et**, Qorti ta' l-Appell, 11 ta' Dicembru 1950, Vol. XXXIV.i.307).

14. B'digriet tat-30 ta' Novembru 2001, peress li l-A.I.C. M'Angelo Refalo kien ghadu ma pprezentax l-istima tieghu, il-Qorti dderigiet lill-imsemmi perit biex jespleta l-inkarigu moghti lilu fis-16 ta' Ottubru 1991. Fil-fatt l-imsemmi perit tekniku pprezenta u sussegwentement halef ir-relazzjoni tieghu fis-16 ta' April 2002. Ghall-finijiet ta' din il-kawza, in vista tal-konkluzjonijiet hawn fuq raggunti, ta' rilevanza hija l-istima tal-fond 48 Triq Villa Cagliares, Zejtun, li l-perit tekniku ghamel deskrizzjoni tieghu u

kkonkluda li jiswa hamsa u erbghin elf liri Maltin (Lm45,000). A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tirreferi ghar-relazzjoni msemmija u annessa ma' l-atti tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-beni formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Joseph u Ursola Galea jikkonsisti fid-depoziti bankarji, ghamara u fond hawn fuq imsemmija,

(2) tordna li d-depoziti bankarji, inkluz l-imghax akkumulat, jinqasmu bejn il-partijiet kwantu ghal terz lill-attur Anthony Galea, kwantu ghal sest kull wiehed lill-atturi Joseph u Carmen ahwa Muscat, u kwantu ghal dodicezima parti kull wiehed u wahda lill-konvenuti Joseph, John, Rita u Doreen, ahwa Axisa,

(3) tordna li l-ghamara tinbiegh u r-rikavat jinqasam fl-istess ishma,

(4) tordna illi l-fond 48 Villa Cagliares Street, Zejtun, jinbiegh b'licitazzjoni fuq id-deskrizzjoni u stima maghmula mill-A.I.C. M'Angelo Refalo, u r-rikavat tal-bejgh jigi konsegwit fl-istess proporzjon tar-rispettiva komproprjeta` ta' l-imsemmi fond.

Bl-ispejjez li jithallsu mill-partijiet skond l-ishma rispettivi taghhom.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**